Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 338 / 2014

Il-Pulizija

vs

**Joseph Francis Scerri**

Illum, 12 ta Settembru 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Joseph Francis Scerri iben John, imwielda Pieta', fit-23 ta' Marzu, 1962, detentrici tal-karta tal-identita' numru 214062(M), akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli "… fix-xahar ta' Lulju, 2012 u fix-xhur u snin ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. B' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama' jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh b' qerq ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' l-ahwa Paul Schembri, Emmanuela Schembri u Joseph Schembri;

2. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi approprjat ruhha, billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' l-ahwa Paul Schembri, Emmanuela Schembri u Joseph Schembri, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha sppecifikat, u l-istess somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu;

3. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra ffalsifikat;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esibiti.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Lulju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat Artikoli 18, 23, 23A u B, 293, 294, 187(1), 187(2) u 189, 308, 309 u 310 (1)(a), 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata Joseph Francis Scerri hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontriha u kkundannata ghal sentejn (2) u hames (5) xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellanti Joseph Francis Scerri tas-7 ta' Awwissu, 2014 fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka s-sentenza

appellata billi tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjonijiet dedotti u kwindi tilliberaha skond il-ligi.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, f' kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghogobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi imposta piena aktar *ekwa* ghall-kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

1. Illi l-ewwel u qabel kollox l-imputata qed tirribatti l-akkuzi dedotti kontra taghha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt. Illi, kontra dak allegat, il-partijiet *leza* kienu jafu sew x' kien qed jigri w dak li sar kien bil-pjen konsapevolezza taghhom. Illi ghalhekk l-imputata isaqsi l-ghaliex dan l-aspett l-pulizija ma haduhiex in konsiderazzjoni? X' inhi r-raguni l-pulizja ghazlu li jilbsu *'blinkers'* f' din is-sitwazzjoni w ma ikkonsidrawx fatturi li jimmeritaw li jigu investigati l-istess parti *leza*?

2. Illi allacjat mas-suespost hu l-fatt li huma kellhom fil-pussess taghhom sommom konsiderevoli ta' flus. Illi dan qed jinghad ghax l-imputata fl-ebda stadju ma kienet taf li dawn il-flus kienu flus mohbija! Illi r-rilevanza taghha hu ghall-fatt li dak iz-zmien li l-imputata giet avvicinata minn Paul Schembri, jidher li dan ta' l-ahhar u hutu riedu jahslu flushom fil-business li kienet qed tiggestixxi l-imputata. Illi l-business principali kien tax-xiri u bejgh ta' *'second hand cars'* li dak iz-zmien kien business tajjeb hawn Malta. Illi ghalhekk, wara li dan Paul Schembri kien avvicina lill-imputata, l-istess Paul Schembri kien jaf u fil-fatt ried li l-flus tieghu jigu investiti f' dan it-tip ta' business biex jaqla' qliegh malajr u jidher, ad insaputa tal-imputata, ma jinqabadx mit-Taxxa. Illi f' dan ir-rigward, qed jirrizulta b' mod car li ma kien hemm ebda intenzjonijiet negattivi ghax iz-zewg partijiet riedu jmexxu l-affarijiet taghhom f' din id-direzzjoni.

3. Illi, pero, biex jikkawtelaw il-pozizzjoni taghhom, kienu l-istess Schembri li riedu jahbu l-flus taghhom taht '*ismijiet*' liema dikjarazzjonijiet saru kif riedu huma bhala forma ta' habi ta' flushom. Illi anki l-'*wording*' sar kif kien gie suggerit

minnhom stess, tramite l-istess Paul Schembri. Illi dan gie skartat w wiehed jista' jghid li l-imputata kienet sfortunata li waqt il-kawza hu kien gie nieqes, fejn bhala konsegwenza evita li jsir il-kontro-ezami tieghu fejn kien ser jigi mitlub jispjega li f' dawn il-proceduri biddel it-ton tieghu ghal kollox biex jahbi n-nuqqasijiet tieghu, liema nuqqasijiet l-imputata giet mitluba tirrispondi meta m' hux suppost.

4. Illi rilevanti hi l-arringa li saret miz-zewg nahat. Illi dan qed jinghad ghax dina l-Onorabbli Qorti ghandha l-opportunita tgharbel certi punti w tizen is-sitwazzjoni. Illi dan qed jinghad ghax kontra dak li intqal, l-imputata kienet konsistenti fl-onesta taghha imma s-sinjuri Schembri, immexjin minn Paul Schembri iddecidew li jghattu l-pozizzjoni taghhom b' mod zlejali. Illi dan qed jinghad ghax bhalma jigri f' kull business, l-irgulija taghhom waslet sakemm kien hemm il-bnazzi. Illi kif kien hemm naqra caqlieqa, huma bdew iberqu bil-konsegwenzi odjerni. Illi f' dan ir-rigward, fl-arringa saret riferenza ghal '*a run on the bank*' fejn meta l-klijenti jidhrilhom fl-immaginazzjoni taghhom li kien hemm xi nuqqas meta ma kienx, l-imputat ma setax f'daqqa ihallas lura dawk il-flus ghax huma kienu gew utilizzati ghas-skopijiet tal-business li kienu jafu sew l-istess parti leza. Illi allura wiehed isaqsi fejn hi l-intenzjoni ta' qerq li qed jigi reklamat mill-prosekuzzjoni kontra l-imputat? Illi anki banek ikollhom '*stress tests*', iktar u iktar dan l-ahhar bil-krizi finanzjarja mondjali li kien hawn recentement, certi banek ghalqu ghax ma kienx hemm likwidita bizzejjed biex irodd lura l-flus tal-klijenti stante li hafna minn dawn il-flus kienu investiti w marbutin. Illi l-istess gara f' dan il-kaz. Illi fejn, ghalhekk kien hemm qerq? Illi ghalfejn dan Schembri bidlu t-ton taghhom ghal kollox qisu ma kienu jafu xejn?

5. Illi rilevanti l-fatt li l-imputata kienet qed tutilizza l-'*connections*' ta' Alan Magro. Illi dan ta' l-ahhar anki caqlaq sew mill-veritajiet li kienu jezistu bejniethom, biex wiehed ma jghidtx, li rama ghal kollox l-imputat. Min ser jidhol f' business biex ma jaghmilx profit? Illi jekk wiehed jara x-xhieda tieghu jigi indunat li kwazi ried jaghti l-impressjoni li kien qed jaghmel pjacir lill-imputata u li ma tantx kien involut maghha. Illi pero, dan kien kontra, ghax l-imputata kienet qed tutilizza l-'*connections*' taghha a beneficcju taghhom it-tnejn. Illi dan hu konfermat mis-statements tal-HSBC plc li juru transfers ta' flus, lil Manhein Auctions. Illi t-transazzjonijiet kienu jkunu

dejjem tramite Alan Magro w m' hux l-imputata ghax il-' connections' kienu tieghu. Illi ghalhekk, hawn, il-Qorti ghandha l-prova/i cari li l-flus kienu jigu utilizzati ghax-xiri ta' karozzi fejn mill-bejgh, minn investa kien jiehu l-parti tieghu, liema haga m' hiex illegali!

6. Illi bhala gie indikat qabel, l-evidenza tal-bank statements juru w jikkonfermaw din il-pozizzjoni. Illi, ghalhekk, wiehed isaqsi l-ghaliex il-prosekuzzjoni halliet barra s-statements tal-HSBC plc imma illimitaw ruhhom ma' dawk tal-BOV plc?

7. Illi di piu, x' inhi r-raguni li ta' Schembri qed jahbu veritajiet cari? Illi min ser jaghti sommom sostanzjali ta' flus minghajr ma jiehdu l-prekawzjonijiet necessarji biex imbaghad jigi jiddikjara bil-gurament li ma kienx jaf u/jew ma kienx ikun ' *au courant'* tas-sitwazzjoni bhalma gara fil-kaz odjern: *"Iva, Paul kien qallhom bl-investiment u m' hux jiena mort nfittixhom, fil-fatt Paul kien gie bil-flus t' ohtu jiena qatt ma ltqajt maghha."*[1] Illi dan qed jinghad ghax fil-provi, saret riferenza ghal kaz ohra liema kaz ma kienx u ghadu m' hux deciz liema riferenza hi inacaccettabli minhabba l-principju li wiehed hu presunt innocenti sakemm jigi stabbilit li hu hati!

8. Illi minghajr ma jkun hemm ripetizzjoni hu rilevanti li jigu kunsidrati s-segwenti principji: hemm in-nuqqas ta' *mens rea* ghax il-parti leza kien m' hux biss jafu imma izommu kontroll fuq is-sitwazzjoni, l-iktar tramite Paul Schembri. Illi dan hu konfermat mill-fatt li gie stabbilit li Paul Schembri kien imur ta' spiss jara l-affarijiet biex jaccerta ruhhu li ma jbatix xi nuqqas. Illi allura ghaliex dan l-istat ta' fatt qed jigi issa innegat mill-ahwa Schembri kollha? Illi konsegwenza tas-suespost kif ukoll il-fatt li l-istess Schembri kienu jafu x' kien qed jigri, ma taghmilx sens li imputata tagixxi biex jaghmel hsara lilha innifisha u tirrovina l-business taghha meta hi qieghda hemm biex taghmel qliegh biex tghix. Illi din hi l-impressjoni li qed tinghata meta din il-haga ma treggix.

9. Illi allacjat mas-suespost il-fatt li certi cirkostanzi fin-negozju jistghu jkollhom effett negattivi fuq il-business bil-konsegwenza li minn investa jibda jinkwieta w

[1] Vide a fol. 19, l-parti ta' wara jew ahjar pagna 4 minn 7.

jiehu decizjonijiet li jistghu jkunu negattivi ghall-ahhar. Illi hekk gara f' dan il-kaz fejn bil-proceduri li gew istitwiti kontra l-imputata u gie irrovita ghal kollox u il-habs hu zgur m' hux ser ikun f' pozizzjoni thallas lura dak dovut. Illi allura wiehed isaqsi fejn hemm l-intenzjoni negattiva f'dawn is-sitwazzjonijiet? Illi jekk id l-imputata giet maqtugha f'stat ta' paniku, kif allura l-imputat ghandha tirrispondi ghal haga li m' ghandhiex kontroll u zgur ma kellhiex l-intenzjoni kriminali, li bhala element hu importanti f' kazijiet bhal dawn?

10. Illi kif, f' dawn il-proceduri, l-ahwa Schembri qed jigu ezonorati minn kull responsabilita meta issa qed jirrizulta li kienu qed jinqdew bl-imputata, *ad insaputa* taghhha w li gie osservat waqt il-proceduri biex jahbu l-flus taghhom u biex ikollhom argument mal-awtoritajiet kompetenti biex jghattu n-nuqqasijiet taghhom? Illi fejn hemm l-intenzjoni kriminali tal-imputata f'dawn ic-cirkostanzi minn naha tal-imputat?

11. Illi bl-ebda mod m' hu s-suespost ghandu jigi kunsidrat bhala l-puntu ezawrenjenti tas-sintwazzzjoni w l-imputata qed tirrizerva d-dritt li tressaq argument ohra opportuni u rilevanti skond il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat;
Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi wara li l-appellanta kienet waqfet tahdem mal-Bank lokali, hija kienet irceviet somma mill-istess Bank[2];

---

[2] Skont l-istqarrija tal-appellanta datata d-19 ta' Novembru 2012 a fol 18 et sequitur.

2. Illi sussegwentement huwa allegat li Paul Schembri u hutu Joseph Schembri u Emanuela Schembri kienu taw ammonti kbar ta' flus lil appellanta Joseph Francis Scerri u dan sabiex jigu investiti f'banek u istituzzjonijiet barranin;

3. Jirrizulta li l-appellanta kienet taghti certifikati li jikkonfermaw numru ta' pagamenti li kienu jghaddu lilha;

4. Mill-istqarrijiet tal-appellanta jirrizulta li dawn il-flus ma kienux qeghdin jigu investiti f'banek u istituzzjonijiet barranin izda uhud minnhom kienu qeghdin jintuzaw ghal business ta' karozzi tal-appellanta;

5. Illi ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellanta;

6. Illi meta l-appellanta xehdet quddiem l-Ewwel Qorti[3], xehdet li l-parti leza kienu konsapevoli li l-flus kienu qeghdin jintuzaw ghal business tal-karozzi u li kienu l-parti lezi specjalment Paul Schemri li kien jindika x'ghandu x'jitnizzel f'dawn ic-certifikati;

7. Illi l-Ewwel Qorti sabet lill-appellanta hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha.

Illi l-appellanta qieghda tiribatti l-akkuzi dedotti kontra taghha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, tissottometti li l-partijiet lezi kienu jafu sew x'kien qed jigri w dak li sar kien bil-pjen konsapevolezza taghhom. L-appellanta issaqsi ghaliex dan l-aspett l-pulizija ma haduhiex in konsiderazzjoni. Issaqsi ghar-raguni ghala l-pulizija ghazlu li jilbsu *blinkers* f'din is-sitwazzjoni u ma ikkonsidrawx fatturi li jimmeritaw li jigu investigati l-istess parti leza.

Illi l-appellanta tissottometti dwar il-fatt li l-parti lezi kellhom fil-pussess taghhom sommom konsiderevoli ta' flus. Li l-imputata fl-ebda stadju ma kienet taf li dawn il-flus kienu flus mohbija. Tissottometti li dak iz-zmien li l-imputata giet avvicinata minn Paul Schembri, jidher li dan tal-ahhar u hutu riedu jahbu flushom fil-business li

[3] Fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' April tas-sena elfejn u erbatax (2014)

kienet qed tiggestixxi l-imputata. Illi l-business principali kien ta' xiri u bejgh ta' karozzi *second hand* li dak iz-zmien kien business tajjeb hawn Malta. Li wara li dan Paul Schembri kien avvicina lill-appellanta, l-istess Paul Schembri kien jaf u fil-fatt ried li l-flus tieghu jigu investiti f'dan it-tip ta' business biex jaqla qliegh malajr u jidher, ad insaputa tal-imputata ma jinqabadx mit-taxxa. L-appellanta tissottometti li qed jirrizulta b'mod car li ma kien hemm ebda intenzjonijiet negattivi ghax iz-zewg partijiet riedu jmexxu l-affarijiet taghhom f'din id-direzzjoni.

L-appellanta tissottometti li biex jikkawtelaw il-pozizzjoni taghkom, kienu l-istess Schembri li riedu jahbu l-flus taghhom taht '*ismijiet*', liema dikjarazzjonijiet saru kif riedu huma bhala forma ta' habi ta' flushom. Jissottometti li anke l-'*wording*' sar kif kien gie suggerit minnhom stess, tramite l-istess Paul Schembri. Dan gie skartat u li l-imputata kienet sfortunata li waqt il-kawza hu kien gie nieqes, fejn bhala konsegwenza evita li jsir il-kontro ezami tieghu fejn kien ser jigi mitlub jispjega li f'dawn il-proceduri biddel it-ton tieghu ghal kollox biex jahbi n-nuqqasijiet tieghu, liema nuqqasijiet l-imputata giet mitluba tirrispondi meta mhux suppost. Tghid li rilevanti hi l-laringa li saret miz-zewg nahat. Li l-Qorti ghandha l-opportunita tgharbel certi punti u tizen is-sitwazzjoni. Li kontra dak li ntqal, l-imputata kienet konsistenti fl-onesta taghha imma s-sinjur Schembri, immexijin minn Paul Schembri iddecidew li jghattu l-pozizzjoni taghhom b'mod zlejali. Skont l-appellanta, dan qed jinghad ghax bhal ma jigri f'kull business, l-irgulija taghhom waslet sakemm kien hemm il-bnazzi. Li kif kien hemm naqra caqlieqa, huma bdew iberqu bil-konsegwnzi odjerni. Li meta l-klijent jidhrilhom fl-immaginazzjoni taghhom li kien hemm xi nuqqas meta ma kienx, l-imputata ma setghetx f'daqqa thallas lura dawk il-flus ghax huma kienu gew utilazzati ghas-skopijiet tal-business li kienu jafu sew l-istess parti leza. Tistaqsi fejn hi l-intenzjoni tal-qerq? Taghmel sottomissjonijiet dwar li l-imputata kienet qed tutilzza l-'connections' ta' Alan Magro, u dwar ix-xhieda ta' Alan Magro u l-istatements tal-HSBC. Tistaqsi ghala l-prosekuzzjoni halliet barra s-statements tal-HSBC plc imma illimitaw ruhhom ma' dawk tal-BOV plc.

L-appellanta taghmel sottomissjonijiet dwar in-nuqqas ta' *mens rea* ghax il-parti lezi kienu mhux biss jafu imma izommu kontroll fuq is-sitwzzjoni, l-iktar tramite Paul Schembri. Tissottometti li l-ahwa Schembri qed jigu ezonorati minn kull

responsabilta meta issa qed jirrizulta li kienu qed jinqdew bl-imputata *ad insaputa* taghha u li gie osservat waqt il-proceduri biex jahbu l-flus taghhom u ikollhom argument mal-awtoritajiet kompetenti biex jaghtu n-nuqqasijiet taghhom.

Illi jirrizulta li l-appell tal-appellanta huwa bbazat fuq l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti temfassiza li kif irritenew il-Qrati ta' Malta, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha. Kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. J. Agius) vs Guzeppi Bilocca**[4]:

'*Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il- Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is- sens "inter alia" l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[5]" ; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi** [6]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[7]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[8]" u ohrajn.*' (Emfazi mizjuda u dati tas-sentenzi miktuba bhala referenza hawn isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna).

Illi l-appellanta fl-appell taghha tressaq numru ta' sottomissjonijiet dwar is-suppost azzjoni li kellhom jiehdu l-pulziija fil-konfront tal-parti leza ghax tissottometti li huma riedu jahbu flushom u li kienu konsapevoli tal-fatt li kienu qeghdin jinvestuhom fil-business li kienet qed tiggestixxi l-imputata u cioe' ta' xiri u bejgh ta'

---

[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Frar, 2009 (Appell numru 273/2008)
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju, 1994;
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Frar 1989;
[7] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju 1991;
[8] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju 1991;

karozzi *second hand*. Din il-Qorti fl-ewwel lok tissottolinea li hija l-imputata li trid twiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuuba kontra taghha u li l-parti leza mhumiex imputati f'din il-kawza[9]. Ghalhekk din il-Qorti ma thoss li ghandha tqis ir-responsabbilta' kriminali o meno tal-parti leza. Apparti minn dan, din il-Qorti ma temminx lill-appellanta li l-parti leza kienu konsapevoli tal-fatt li flushom kienu qeghdin jigu investiti fil-business tal-appellant ta' xieri u bejgh ta' karozzi *second hand*. Dan il-fatt ma jirrizulta bl-ebda mod! Lanqas ma tirrizulta pruvata l-allegazzjoni tal-appellanta li l-*wording* fuq ic-certifikati li l-appellanta kienet taghti lil parti leza kien jigi suggerit mill-parti lezi stess tramite Paul Schembri. Huwa sarkastiku dak li jissottometti l-appellant fl-appell tieghu meta jghid b'referenza ghal Paul Schembri li '*l-imputat kien sfortunat li waqt il-kawza hu kien gie nieqes, fejn bhala konsegwenza evita li jsir il-kontro-ezami tieghu fejn kien ser jigi mitlub jispjega li f'dawn il-proceduri biddel it-ton tieghu ghal kollox biex jahbi n-nuqqsijiet tiegu, liema nuqqasijiet l-imputat gie mitlub jirrispondi meta m'hux suppost*.' Kien biss wara l-mewt tal-parti leza Paul Schembri, li l-appellant hareg b'din il-verzjoni inverosimili ghall-ahhar u cioe' li l-parti leza kienu jafu fejn kienu qeghdin jigu investiti flushom u li kienu huma stess li kienu jissugerixxu x'ghandu jinkiteb fuq ic-certifikati. In oltre' l-appellanta kellha kull opportunita' li taghmel il-kontro-ezami ta' Paul Schembri meta huwa kien xehed fis-seduta tal-hmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013). L-appellanta tistaqsi ghala l-prosekuzzjoni halliet barra l-istatements tal-HSBC plc u illimitaw ruhhom ma' dawk tal-BOV plc.

Minkejja l-fatt li kienet l-appellanta li tellghet rapprezentanta tal-HSBC plc, dan bl-ebda mod ma jimmilita favur l-appellanta. Ix-xhieda ta' Alan Magro prodott mill-appellant stess lanqas ma jghin it-tezi tal-appellanta. L-appellanta tissottometti li l-Qorti ghandha provi cari li l-flus kienu jigu utilizzati ghax-xiri ta' karozzi fejn mill-bejgh, minn investa kien jiehu l-parti tieghu. Din il-Qorti tenfasizza li ghalkemm l-appellanta qieghda tghid li uzat il-flus moghtija lilha mill-parti leza ghal business ta' xiri u bejgh ta' karozzi, ma giex ippruvat li l-parti lezi kienu konsapevoli ta' dan.

Jirrizulta ukoll li fl-ebda hin matul iz-zewg stqarrijiet rilaxxati mill-appellanta fid-dsatax (19) u ghoxrin (20) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) l-appellanta ma tat x'tifhem li dak li kien qieghed isir kien bil-konsapevolezza tal-parti leza u li

[9] Sottolinear ta' din l-Onorabbli Qorti

ghalhekk il-parti leza ma kienux qeghdin jghidu l-verita'. Ghalkemm dawn l-istqarrijiet ittiehdu fi zmien meta suspettati ma kellhomx dritt li jkollhom Avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija, ma hemm ebda aggravju li permezz taghha qieghda tigi kkontestata l-ammissibilita' ta' dawn l-istqarrijiet u ghalhekk din il-Qorti sejra tqishom bhala ammissibli.

Fis-seduta tal-hmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) Paul Schembri xehed li '*Jiena fl-elfejn u ghaxra (2010) ta' Mejju, jekk m'iniex sejjer zball fit-twelve (12) of May qieghed nitkellem ma' dan certu Joe Scerri. Qieghed jghidli, ghax tkixxift minghand wiehed li dan qed jaghmilha ta' investitur. Dan li qed nitkellem ma' wiehed laqqaghni ma' certu Mario Gauci, li kien investihom diga' qablu, jigifieri kien qed jinvesti qabel, qabel ma nvestejt jien. Hajjarni li nibda ninvesti. Laqqaghni dakinhar stess. Ghidtlu, "Il-lejla nittawwallek." U bdejt nafdah jiena.*' Spjega kif mar jiltaqa' ma Joe Scerri l-imputata u spjega l-ammonti ta' cekkijiet li ghaddielha. Qaltlu li se tinvestihom l-Empire State. Spjega li '*hu beda jghidli,(*b'referenza ghall-akkuzata*) "Dawn imferxin mad-dinja kollha." Beda jirrectali mill-ahjar li jista'. Wara qghadni niskopru li dawn l-affarijiet li huma kollox falz. Jien bdejt nghidlu, "Imma ma nistghux naghmluhom x'imkien iehor? Halli ma nwaddabx kollox go basket wiehed." Qalli, "Ghandek l-ghazla." Qalli, "Ghandek id-Djocesi." Semmhieli bank iehor. Qalli, "Ghandek is-Chevron??." Prodott iehor dan. Imbaghad tkixxifna li dawn ma jezistux.*' Jghid li ghadda ammont li jaqbez it-tlett mitt elf Liri Maltin (LM300,000). Spjega li kien baqa' jafda lill-appellanta u bdiet iggieghlu jigbed minn hawn u minn hemm, fi kliem Paul Schembri '*tant kemm influwenzani u impressjonani dal-bniedem.*' L-appellanta qaltlu ukoll li se tiftah bank, kienet taghmillu bhal '*kuntratt*', din il-Qorti tifhem li qisu certifikat fejn kien jindika l-ammont li Paul Schembri kien ghadda[10]. Spjega ukoll li '*Dan kien ghamel ftehim li hu jaghmel ic-cekk kemm inkun tajtu fil-kapital u cekk iehor minn qabel. It-tnejn post dated; wiehed kemm tajtu kapital u l-iehor jaghtik l-interessi minn qabel.*' Spjega li qatt ma prova jsarraf dawn ic-cekkijient, l-appellanta kienet tghidlu li '*Dawk jaqbillek thallihom hemmhekk u l-interessi jiguk fuq l-interessi.*'

---

[10] Dawn ic-certifikati jinsabu a fol 34,35,38,39,42,43,46,47,52,53,56,57,60,61, 64, 65,68, 69, 72, 73, 78,79, 82,83,86,87, 90, 93, 94, 95, 96, 99, 100, 103, 106, 107, 110, 113, 114, 117, 118, 121, 122, 125, 126, 129, 130, 133, 134, 137, 138, 141, 142, 145, 146, 149, 150, 153, 154, 157, 158, 161, 162, 165,166, 169, 170, 174, 175, 196 fuq Paul Schemrbi jew P. Schembri u hemm certifikati ohra mahruga a favur Joseph Schemrbi u Emmanuela Schembri.

Meta xehed il-parti leza **Joe Schembri** fil- 15 ta' April, 2013 spjega kif kien investa xi tletin elf (30,000). Kien jaf li l-appellanta darba kienet manager il-bank u li kienet *expert, 'kien jghid li ha jiftah broker u ha jiftah bank, ghax imbaghad kellu hafna karozzi tajbin u waqa' f'karozza ta' mitejn lira (LM200). Ghidtlu, "Fejn hu dan l-investiment ta' dawn il-karozzi kollha." Qalli, "Ghax qed ninvestihom f'bank Tas-Sliema f'Bisazza Street." Ghidtlu, "Uriehuli dan il-bank." Qalli, "Jien ha jkolli t-tabella li ha nkun broker". Sahansita sa hanut tajnieh biex jaghmlu broker allura gghalna izjed nemmnuh li hu fis-serjeta...'* L-appellanta kienet tghidlu li l-flus kienet qed tinvestihom daqqa l-Vatikan, daqqa s-Saudi Arabia, f'taz-zejt.

**Emanuela Schembri** li kienet xehdet fl- 4 ta' Marzu, 2013 li hija oht Pawlu Schembri xehdet li rat lil Joe Scerri ghal hames (5) minuti kollox. Taf li huha hajru wiehed jismu Mario Gauci u huha Pawlu Schembri saqsiha riditx tinvesti ghax ghandhom interessi tajbin u taghtu bejn hamsa u sittin (65,000) u sebghin elf (70,000) f'sentejn. Xehdet li kienet taghmel kollox li jghidilha huha Pawlu. L-appellanta kienet taghtihom cekkijiet, wiehed ghall-imghax u l-iehor ghas-somma[11] izda qatt ma sarfithom '*Ghax hu qalilna jekk thalluhom ahjar ghax naghtikom iktar imghaxx, jekk thalluhom ghal erba' (4) snin naghtikom bil-45*.' Xehdet li '*hadd ma tani €1 cent ghax kif konna ha nigbduhom imbaghad inghalqet il-purtiera*.'

L-imputata filwaqt li fl-istqarrija tad- 19 ta' Novembru, 2012 li tinsab a fol 18 et sequitur fost affarijiet ohra spjegat li '*Jiena kont iltqajt ma Paul Schembri madwar sentejn ilu nahseb, niftakar li kont f'hanut tal-grocer u hu gie fuqi u qalli "int kont tahdem il-bank" pero minghalih li kien ghadni nahdem il-bank u dan ghax kien jarani bl-uniformi qabel, u ried parir fuq xi investimenti. Ma niftakarx il-kliem ezatt pero kont ghedtlu biex jaghtini l-flus u ninvestihomlu jiena. Ma niftakarx kemm taghni flus imma l-ewwel darba kien taghni ammont zghir filfatt mat-tieni darba hrigtlu c-certifikat. Jiena bqajt naccetta l-flus minghand Paul hlief ghal xi zewg okkazjonijeit fejn kont ghedltu sabiex ma jgibx flus u anke meta kien jghidli li kien ser jaqla xi flus minghand xi brokers gieli ghedtlu biex jistenna. Huh Joseph kien gie hu personali mentri bil-flus t'ohtu Emanuela kien gie bihom Pawlu.*' L-appellanta ikkonfermat li c-certifikati kienu biex tikkonvinci lil Paul Schembri li flusu investiti

[11] Gew prezentati numru ta' cekkijiet fl-atti.

barra minn Malta. Ikkonfermat li c-certifikati kienet taghmilhom bil-kompjuter, anke timbri kienet tixtrihom u taghmilhom hi. L-ismijiet tan-nies ghamlithom l-appellanta u wara saret taf li kien hemm minnhom li kienu jezistu. Ic-cekk kien garanzija. Ikkonfermat li l-firma li hemm ta' Alberto Cerutti ghamlitha hi u t-timbru ukoll. L-isem ivvintatu l-appellanta ukoll. L-appellanta qalet li qatt ma ltaqghet ma oht Paul Schembri izda kien gie Paul bil-flus. Mistoqsija x'ghamlet b'dawn il-flus li ghaddewlha wiegebet '*Ma niftakarx. Parti sostanzjali minnhom investejthom f' karozzi ghax kont nitla kull tlett xhr l-Ingilterra nixtri l-karozzi. L-Bqija ma nafx x'ghamilt bihom.*'

Ma kkonfermax li Paul Schmebri ghadda madwar tlett mitt elf Maltin (LM300 000) izda xi mitejn elf Maltin (LM200 000). L-intenzjoni ma kinitx li ssallab lil familji izda jintuzaw, isir qliegh u jerghu jiehdu flushom lura. Fit-tieni stqarrija u cioe' dik tal- 20 ta' Novembru, 2012 fost affarijiet ohra l-appellanta qalet li meta kienet taghti xi flus lura lil Paul kien jaghtihom *cash* mhux cekkijiet.

Il-verzjoni li l-imputata tat waqt l-istqarrijiet inbidlet kompletament meta telghet tixhed fit-23 ta' Aprilm 2014 fejn fost affarijiet ohra qalet li meta avvicinaha Paul Schembri kienet qaltlu li ma ghadhiex tahdem il-Bank u Paul Schembri baqa' jippersisti, xehdet li kien Pawlu stess li kien jaghtiha l-informazzjoni ta' kif ghandhom jinkitbu fuq ic-ceritifkati, li Paul Schembri kien igib notamenti preparati, li ried ircevuta kif xtaqa hu. Jghid li '*Kien jghidli li kien jaghmilhomlhom ir-ragel t'ohtu ghax kien jahdem il-Canada.*' B'referenza ghal per ezempju fol 60 jghid li '*Empire State Financial services hu kien gabu l-isem.*' Jghid li '*Nittapjaha kollox quddiemu u kien jiehu kollox lura mieghu.*' Spjega ukoll li '*hu sempliciment ried ircevuta, rcevuta kif xtaqha hu.*' Meta mistoqsija '*hawn hekk hawn indika, ghax hawn hekk jaghti l-impressjoni, qisha xi broker, ghalha kien hawn miktub certificate of investment Empire State Financial Services?*' wiegbet '*Hekk kien iridha.*' Tghid li Paul Schembri kien jaf sew li kienu qed jigu investiti f'vetturi izda li riedhom li jintwerew hekk. Xehdet li '*Il-quddiem issuspettajt li dawn il-flus li kien qieghed igib ghal xi raguni ma riedx jurihom fuq ismu, kien kuntent li jidhru bhala stokk ta' vetturi fuqi, hu stess kien jghidli, wahda ghax kien jixtieq li ma jhallax taxxa fuqhom jigifieri u ohra li jekk jigrilu xi haga, jsir xi sekwestru fuq Paul il-karozzi ma jinqabdux ghax qed jidhru fuq ismi.*' Dwar fol 169 tghid li '*din il-bicca xoghol dak kien jigi bihom hu*'. Meta mistoqsija '*Mela hu kien jaf illi dawn il-flejjes kont tuzahom biex tixtri l-karozzi?*' wiegbet '*Iktar u iktar milli jaf, kien jibghat lil huh jiskawtja.*' b'refereza ghal Joe

Schembri. Li Paul Schembri kien jaf b'dawn id-dealings. Spjegat kif il-business tal-karozzi beda sejjer lura. Spjegat li '*Hu kien qalli li huh beda jinduna li l-business beda sejjer lura Joe u meta kienu gew u xehitli l-... ma wicci qalli: Ara x'qed navzak jekk inti ma ggibx flus lura u l-interessi sewwa, naqbdu d-dokumenti kollha li ghandna u nohduhom id-Depot.*' Tghid li ma riedx ihallas taxxa izjed fuqhom kien qalilha u '*din uzaha din il-bicca xoghol tar-receipts kien qed juzaha ili jekk nazzarda li ma nhallsux lura jzomm kontrija, jigifieri ipattihieli b'hekk.*' L-appellanta ikkonfermat li qatt ma cahditu minn xi flus izda li kien jinduna li l-business tal-karozzi mar lura hafna. Meta l-appellanta xehdet in kontro-ezami ghalkemm ikkonfermat li l-istqarrija kienet giet moqrija, tghid li hi wiegbet dak li giet mistoqsija u fejn ma semmietx xi affarijiet tghid li kellha '*Pressure bil-problemi li kelli jigifieri ta' finanzi, kont prexerjat hafna.*' L-appellanta regghet ikkonfermat li Paul kien jigi b'A4 ippreparata. Tghid li c-certifikat taghtulu hi jigiferi l-imputata izda skont id-draft li kellu Paul Schembri. Emfasizzat li kien jaf sew fejn qed jigu investititi. Xehdet li '*Id-dati kien jghidli iktibhomli ezatt, anke l-maturity dates hu kien jghidli iktibhom. Likien jaghmel kien jigi hu, kien jaf, kien ikollu information li hemm hafna vetturi u kien jghidli: Dawn geddidhom, ma kienx jitlobni flus.*'

Joe Schembri riprodott fil-5 ta' Mejju, 2014 kien ikkonferma li huh Paul Schembri miet. Ic-certifikat tal-mewt prezentat a fol 697 jindika li Paul Schembri miet fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu, 2014 jigifieri madwar xahar qabel ma xehdet l-appellanta quddiem l-Ewwel Qorti. Meta Joe Schembri gie mistoqsi jekk huh qallu li kien qed jinvestihom f'karozza wiegeb li lanqas jaf x'inhi karozza huh u li bil-kemm jaf isuq u cahad li kienu jmorru b'karta lesta minghand xi hadd.

Dak allegat mill-appellanta fix-xhieda taghha quddiem l-Ewwel Qorti u cioe' li l-parti lezi kienu konsapevoli li l-flus kienu qeghdin jintuzaw ghal business tal-karozzi tal-appellant u li kienu huma li kienu jitolbu ta' x'kontenut ghandhom ikun fihom ic-certifikati ma giex ippruvat fuq bazi ta' probabilita. Din il-Qorti ssaqsi jekk l-ahwa Schembri kienu konsapevoli tal-fatt li kienu qed jinvestuhom fil-business tal-karozzi, Mario Gauci li l-appellanta ukoll dahket bih ghalkemm mhuwiex parti leza f'din il-kawza kien ukoll konsapevoli ta' dan il-ftehim?

**Mario Gauci** kien il-persuna li introduca u hajjar lil Paul Schembri biex jinvesti mal-imputat. Huwa xehed fis-seduta tat- 8 ta' Lulju, 2013 kien spjega li '*qalli, "Tixtieq*

*tinvesti xi haga tal-flus mieghi?" Jien naf li jahdem il-bank u fdajtu. Ghamel xi sena, sentejn, l-ewwel hadli ftit, u dejjem beda jtina, imbaghad garrli kollox, kaxkarni haj, u riedni mmur niddejjen fuq id-dar. Qalli jiena inti tissellifhom bis-sitta fil-mija (6 %) qalli u jiena ntik bit-tnax fil-mija (12 %), qalli tkun qed taqla' dawk il-flus u mhu qed taghmel xejn....'* Spjega li '*darba kien sabni Pawlu qalli dak qalli kif qed tmur mieghu? Ghidtlu lili dejjem tahomlna. U kien qed jinqeda bija stess u l-iehor, hawnhekk hawn tlett mitt elf Maltin (LM 300,000)'* Jghid li Joey Scerri inqeda bih '*Taparsi jitkelmu n-nies jithajru, qallu kemm ghandek nies irhilha, gib gib ta.*' Jaf li Pawlu kien ghadda LM300,000, 700,000 EWRO u ma hax centezmu lura. Lilu taghtu cucati u haditlu l-ahhar hamsa u sittin elf (65,000). Joe Scerri qaltlu li l-flus qeghdin l-Vatikan. Kien ta lil Joe Scerri tlett cheque books biex jekk ikun hemm xi charges ma joqghodx jinqala'. Jghid li ghamlitlu dsatax- il cekk falz. Certifikat qatt ma taghtu. Fdatu ghax kien jahdem il-bank, qaltlu li se tiftah bank tas-Sliema ukoll.

Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li l-verzjoni tal-appellanta li l-kontenut ta' dawn ic-certifikati kien jigi bihom Paul Schembri u hu kemm kien jimla c-certifikati ma tistax titwemmen. Lanqas ma tista' titwemmen li l-parti lezi kienu jafu li flushom qeghdin jintuzaw ghal business tal-karozzi. Ghaldaqstant, din il-Qorti sejra tghaddi biex tqis l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellanta.

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-ewwel akkuza, l-imputata giet akkuzata li '*B' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama' jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b' qerq ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' l-ahwa Paul Schembri, Emmanuela Schembri u Joseph Schembri*'. L-appellanta instabet hatja taht l-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) vs George Debono**[12] gie kkunsidrat li:

---

[12] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-14 ta' Lulju, 2010 (Numru: 154/2009)

*'Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il- vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir- reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id- disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir- reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....".*** *Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal- fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*

*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*

*c. ta' kwalifiki foloz jew*

*d. billi jinqeda b'qerq iehor u*

*e. ingann jew*

*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*

*g. jew ta' hila*

*h. setgha fuq haddiehor jew*

*i. ta' krediti immaginarji jew*

*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*.... Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l- manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl- assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil- ligi. ...."*

*Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi* ***"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."***

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi* ***"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal- falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra***

***l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."***

***"....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il- kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar- reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d- dolo."***

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-Qrati taghna jidher illi l- elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi ghar-rigward ta'l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) :* ***"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."'***

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) Vs Marjanu Zahra**[13], gie kkunsidrat li:

*'Illi ghalhekk mill-fattispecje ta' dana l-kaz il-Qorti trid tara jekk jezistux l-elementi legali rikjesti ghar-reat tat-truffa. Illi minghajr l-icken dubbju jirrizulta illi l-imputat bil-mezz ta' ingann u uzu ta' dokument illi huwa kien jaf ben tajjeb li kien falz irnexxielu jikseb fuel li ma kienx intitolat ghalih sabiex b'hekk huwa arrikkixxa ruhu u dana ghad-dannu tal-Water*

[13] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-2 ta' Marzu, 2011 (Numru 327/2007).

*Services Corporation li spiccaw kellhom ihallsu ghal fuel li ittiehed indebitament mill-imputat. Illi l-Qorti ma tistax taqbel mad-difiza illi dana il-kaz ghandu il-fattispecje tar-reat tas-serq u dana peress illi l-imputat ma huwiex qed jiehu ad isaputa tas-sid l-oggett, izda qed jadopera mezzi u cioe' 'l hekk imsejjha artifizji sabiex jinganna u jiehu l-fuel li ma kienx intitolat ghalih. Fil-fatt fil-maggior parti taghhom jirrizulta illi l-vouchersipprezentati mill-imputat kollha gew imhallsa mill-Korporazzjoni. Illi f'dana il-kaz hemm l-applikazzjoni ta'l-artikolu 310(1) billi jirrizulta mill-atti illi l-ammont ta' fuel li ittiehed mill-imputat kien jeccedi l-elf lira maltin jew l-ammont ta' €2329.37.*[14] '

Is-sentenza fl-ismijiet **'IL-Pulizija Vs Marjanu Zahra'** giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Mejju,2012.[15]

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta versus Glen sive John Debattista'**[16] gie kkunsidrat li

*'Illum, ghalhekk, huwa ssodat fil-ġurisprudenza tagħna illi biex ikun hemm ir-reat tat-truffa għal dawk li uma artifizji, mhix biżżejjed is-sempliċi gidba, iżda jinħtieġ li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jagħti fidi lil dik il-gidba. Irid ikun hemm dik il-magna callidibus ad decipiendum aliquam addibite; irid ikun hemm dik l-impostura li tikkostrinġi lil dak li jkun li jemmen, li tneħħi kull suspett u li tipparalizza d-diliġenza ta' l-iffrodat u tissorprendilu l-buona fede tiegħu;'*

Din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus George Manicolo'**[17] fejn gie kkunsidrat li:

*"Illi l-ġurisprudenza nostrali dejjem kienet illi sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhix biżżejjed is-sempliċi gidba, il-kliem menzjonier, izda hu neċessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jagħti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, għandhom ikunu atti frawdolenti li neċessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kap. 9. Irid ikun hemm il-messa in xena u ghalhekk, kif intqal, il-gideb waħedhom mhumiex suffiċjenti. Iridu jkunu atti,*

[14] Ara total tad-Dokumenti MZ12, MZ13, MZ11, MZ10 u MZ9 li kollha jirreferu ghal perijodu bejn Lulju u Settembru 2006 (Tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tmienja (8) tas-sentenza citata)
[15] Appell Kriminali Numru: 139/2011
[16] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Marzu, 1995
[17] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Lulju, 1998

*inkluż kliem ħelu u perswassiv, li jwasslu lil xi ħadd jemmen l-eżistenza ta' xi ħaġa msemmija mil-frodatur, liema ħaġa, in realta', ma teżistix. Minbarra l-gideb ghalhekk, irid ikun hemm l-ingann, ir-raġġiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jiġi lilu mwiegħed mill-frodatur. Dan l-ingann, għalhekk, għandu jkun akkumpanjat b'artifizji kwazi teatrali, u mhux sempliċement wegħdiet, promessi u kliem sempliċi. Dan hu element ferm importanti fir-reat ta' frodi. Biex ikun hemm dawn l-artifizji, mhux biżżejjed il-kliem waħdu, iżda dan il-kliem għandu jkun elokwenti, studjat u perswassiv; ma' dan it-tip ta' kliem għandu jkun hemm xi ħaġa esterna li apparentement tikkonferma u tipprova l-fatti assenti, ċjoe' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjoni menzjoniera tal-frodatur;*

*Din il-messa in xena hi magħmula minn dawn l-artifizji jew raġġiri idonei li jinduċu u fil-fatt ikunu induċew lill-vittma fi żball li bħala riżultat ta' dan l-iżball, il-vittma tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-korrispondent qligħ għall-aġent frodatur;*

*Kif ġie stabbilit u riaffermat fil-Qrati tagħna, ikun ħati ta' truffa minn jagħmel użu minn kwalita' falza sabiex jaghmel qligħ għad-dannu ta' haddieħor;'*

Ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li kif ikkunsidrat l-Ewwel Qorti, l-imputata ghamlet atti frawdolenti sabiex l-ahwa Schembri jafdaw u jemnu li flushom kienu qeghdin jigu investiti f'Banek u istituzzjonijiet barranin, tant li ffalsifikat certifikati sabiex tkompli ggieghel lill-ahwa Schembri tramite Paul Schembri jemmnuha u dan b'ammissjoni taghha stess fl-istqarrijiet rilaxxati minnha. Kif gia inghad ma tistax tiwemmen il-verzjoni moghtija mill-appellanta quddiem l-Ewwel Qorti li l-kontenut tac-certifikati hareg bih Paul Schembri u lanqas ma tista' titwemmen li l-parti lezi kienu konsapevoli tal-fatt li flushom kienu qeghdin jintuzaw ghal business tal-karozzi tal-appellanta u li daru kontra l-appellanta meta l-business mar hazin. L-appellanta tissottometti li ma kienx hemm il-*mens rea* rikjest. Din il-Qorti ma taqbilx u dan stante li jirrizulta ampjament ippruvat anke mill-istqarrijiet rilaxxati mill-appellanta stess li ghamlet numru ta' atti fosthom li ffabrika certifikati foloz u ghamel firem foloz fuqhom biex iggieghel lil parti lezi jemmnu li hija kien qieghda tinvestilhom flushom kif miftiehem. Ma hemmx dubju li l-fatt li l-appellanta kienet fil-passat tahdem go bank kien anke fattur li gieghel lill-parti leza jemmnu u jafdaw lill-appellanta. Dan huwa anke kkonfermat mill-istqarrija tad-19 ta' Novembru, 2012

fejn meta mistoqsja '*Jiena nfurmatha li ma certu nies inti kont tghid li kellek flus investiti gewwa l-Vatikan u l-Ingilterra ma kumpanija bl-isem Shellvron. Huwa minnu kollu li ghedtlek?*' wiegbet '*Man nies le, ma paul u ma huh kont nghid hekk ghax xkienet parti mil-konvinzjoni li kont nuza.*' Konferma li dak li l-appellanta kienet qieghda taghmlu, kienet qieghda taghmlu xjentement. Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Roderick Zammit) vs Donald Vella'**[18] fejn gie kkunsidrat li:

'*Kwantu jirrigwarda l-element formali cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan r-reat ta' truffa, jinghad illi jrid ikun hemm qabel xejn l- intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profitt ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-**Artikolu 308** tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l- element intenzjonali tar-reat ta' truffa hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu jkun konxju tal-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttiva tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.* '

Din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **'The Police Inspector Edel Mary Camilleri V BASSAM EL AMMAMI'**[19], fejn fost numru ta' kunsiderazzjonijiet ohra, gie kkunsidrat li:

'*For the purpose of section 308, the fundamental element of this crime, consists in the intention to deceit (by any one of the reasons mentioned in that section), with a view of making a gain to the pregudice of another person.*

*Our local courts have had occasions to examine in detail, the material element of the offence in question in its judgment on the 20th June 1997 in the names **Police vs Emanuel Ellul**. As for the first element, this has been described by the Italian Jurist **Francesco Antolisei** the in the following words:*

*"Per quanto concerne l'elemento soggettivo, e cioe' il dolo, valgono le regole generali. L'agente, quindi, deve volere non sono la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come*

---

[18] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-5 ta' Awissu, 2014 (Numru. 304/2014)

[19] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-7 ta' April, 2009 (Numru: 900/2003)

*conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e' infine, la realizazione di quel profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente, occorre che la volonta' sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato. Data la molteplicita' degli elementi necessari per l'esistenza del dolo in questo complesso reato, sussiste un ampio margine per l'errore di fatto" (**Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale - Parte Speciale, Vol. 1, Giuffre' (Milano), 1986, p. 303**).*

*It is necessary to point out what was held in the judgment **Police (Inspector Alexandra Farrugia Mamo) vs Michael John Turner** delivered on the 7th January 1998, in particular that the agent be aware of the deceit being perpetrated or of the deceitful nature of the means used.'*

Ghalhekk din il-Qorti ssib li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet lill-appellanta hatja tal-ewwel imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni imputazzjoni taqra '*U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elfej tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' l-ahwa Paul Schembri, Emmanuela Schembri u Joseph Schembri, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu psecifikat u l-istess somma giet fdata iliu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu;*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Enrico Petroni u Edwin Petroni'**[20] dwar l-artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie kkunsidrat li:

*"Dana ir-reat iseħħ meta wieħed (1) jirċievi flus jew xi ħaġa ohra mingħand xi ħadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi ħaġa lura jew li jagħmel użu minnhom b'mod speċifiku; (3) u minflok ma jagħmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħaddiehor."*

[20] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Gunju, 1998

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus John Gauci'**[21] dwar l-artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, gie kkunsidrat li-

'*Minn eżami ta' dan l-artikolu jidher ċar li wieħed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita, fil-kuntest tal-każ preżenti, huwa kostitwit mill-frażi: "... taht titolu illi jġib miegħu l-obbligu ... li jsir użu minnha speċifikat ...". Speċifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haġa lill-aġent u minn hadd iżjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-ħaga u ħadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispeċifika lill-agent dwar kif ikollu jagħmel użu mill-oġġett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jagħti flus lill-aġent biex dan bihom jixtrilu dar, l-aġent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jagħtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jagħti flus lill-aġent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-aġent ikun approprja ruħu mill-flus indebitament jekk jagħtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-aġent ikun għamel uzu mill-flus kif speċifikat. F'kull każ, fl-indaġini dwar il- ħtija jew le ta' approprjazzjoni indebita, għandha ssir prova ta' l-użu tal-ħaġa speċifikata mill-konsenjatur, u prova ta' jekk l-aġent ma ikunx għamel mill-ħaġa dak l- użu jew użu divers."*

Illi din il-Qorti issib li ma hemmx dubju li l-appellanta hija anke hatja ta' misappropriazzjoni u dan stante li uzat l-flus li suppost kellhom jigu investiti f'banek u istituzzjonijiet barranin ghal skop iehor u cioe' mhux ghal dak li kienet giet fdata bihom. Dan johrog bic-car mill-istqarrija tal-appellanta datata d- 19 ta' Novembru, 2012 fejn meta mistoqsija '*Tista' tghidli x'ghamilt bihom dawn il-flus kollha li ghaddewlek?*' wiegbet '*Ma niftakarx. Parti sostanzjali minnhom investejthom f' karozzi ghax kont nitla kull tlett xhur l-Ingilterra nixtri l-karozzi. L-Bqija ma nafx x' ghamilt bihom.*' Meta mistoqsija '*Pero nghidlek sew illi lil familja Schembri inti qatt m' gheditlhom fejn marru flushom fil-verita*?' wiegeb '*Le, ghax li kieku ghedtilhom l-verita' Paul ma kienx jibqa jgib il-flus.*' Din ghalhekk hija konferma li minkejja l-verzjoni li l-appellanta harget biha meta xehdet quddiem l-Ewwel Qorti u cioe' li l-parti lezi kienu jafu li flushom kienu qed jintuzaw ghal business tal-karozzi, dan ma huwiex minnu peress li kienu qeghdin jintuzaw ghal business tal-karozza minghajr il-konsapevolezza taghhom u cioe' mhux ghar-raguni li ghaliha ghaddewlu l-flus. Ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta li sabet lill-appellanta hatja ta' din it-tieni imputazzjoni.

[21] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1997

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanta kienet instabet hatja tat-tielet imputazzjoni ukoll u cioe' li '*U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokumenti ohra ffalsifikati*'. Hija instabet hatja taht l-artikoli 187(1) u 187(2) u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 187 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*(1) Kull min, b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 179, jagħmel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa tliet snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.*
*(2) Kull min xjentement jagħmel użu minnha, jeħel l-istess piena.*'

L-artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, u jekk ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Elton George Spiteri'**[22] gie kkunsidrat li:
'*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Paul Galea*** *moghtija fis-17 ta' Ottubru 1997 din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk dwar id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku:*

***"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe` fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (Trattato, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l- awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id- dokument ikun genwin "non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-***

[22] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Marzu, 2007 (Appell Kriminali Numru. 40/2006)

***finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F., op. cit., p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista jiehu, imqar temporaneament, il-messagg – karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik, etc."'***

Illi fl-istqarrija rilaxxata fid-19 ta' Novembru, 2012 mistoqsija:

*'M. Jekk nghidlek illi int lil Paul Schembri kont tippresentalu certifikati li flus qieghdin investiti barra minn Malta biex aktar tikkonvincih x'ghandek xi tghid?*

*T. Iva hekk hu.*

*M. Qed nurik certifikati li Paul Schembri ghadda lilna fejn huwa qal li dawn c-certifikati ghaddejthom int lilu fuq insistenza tieghu meta beda jitolbok prova li dawn il-flus qeghdin invesiti x'imkien. Nghidlek sew li dawn ic-certifikati ghamilthom int u mhux vera gew ppresentati mill-kumpaniji rispettivi u msemmija?*

*T. Iva, kont naghmilhom bil-kompjuter tieghi u nipprintjhom jiena ukoll. Kont nuza Microsoft word normali.*

*M. Qed nurik wiehed mill-hafna certifikati li int kont taghti lil Paul Schembri u fuqu jidhru xi timbri u firem. X tghidli fuqhom dawn it-timbri u firem?*

*T. Dawn ghamilthom jiena kollha. It-timbri kont nixtrihom u naghmilhom jiena. L-ismijiet tan-nies ghamilthom jiena u wara kumbinazzjoni sirt naf li kien hemm minnhom li kienu jezistu.*

*M. Nghidlek sew li dawn ic-certifikati m'humiex originali imma kont tohloqhom int sabiex Paul jemmen aktar li flusu qed jigu nvestiti?*

*T. Iva.'*

Ghalhekk kuntrarjment ghal dak li l-appellanta xehdet quddiem l-Ewwel Qorti u

cioe' li Paul Schembri stess kien jghidilha x'ghandu jikteb fic-certifikati, jirrizulta li kienet l-appellanta li xjentement kienet qieghed tiprezenta certifikati iffalsifikati minnha stess. Certifikati li setghu jaghtu x'jifhem li kienu qeghdin jinhargu minn istituzzjonijiet barranin bhal 'Empire State Financial Services', 'Shellvron Oil Cartell 2011', 'ROMA Diocesi AD Aeternum Immobiliare Monetary Fund' li mhuwiex stabbilit jekk dawn kienux jezistu verament jew le, tant li l-appellanta kienet anke tuza timbri suppost tal-Empire State Financial Services li kif stqarret fl-istqarrija taghha kienet xtrat hi stess u ghalhekk dawn ma kienux certifikati mahruga minn istituzzjonijiet izda ffalsifikati mill-appellanta stess biex tiprova titwemmen kif filfatt gara. Dan ghalhekk jammonta ghal falz materjali. L-Ewwel Qorti korrettament sabet htija ta' din it-tielet imputazzjoni. Ghalkemm il-Qorti indikat l-artikolu 187 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ukoll, din il-Qorti hija tal-fehma li htija kellha tinsab taht l-artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li kien ukoll indikat fil-parti dispositiva tas-sentenza.

Ikkunsidrat;

L-appellanta fit-talba kontenuta fir-rikors ta-appellanta talbet ukoll ir-riforma tas-sentenza fil-parti tal-piena sabiex tigi imposta piena aktar ekwa ghal kaz odjern. L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata kienet ikkundannat lill-appellanta ghal sentejn u hames xhur prigunerija.

Din il-Qorti tenut kont tal-fatt li l-appellanta ifrodat lil tlett parti lezi, liema ammonti kif jidhru fuq ic-certifikati ffalsifikati mhumiex ammonti zghar u anke tal-fatt li mill-fedina penali jirrizulta li l-appellanta instabet hatja tal-istess tip ta' reati, ma thoss li ghandha tvarja l-piena mposta mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonfemra s-sentenza appellata kemm fil-htija kif ukoll fil-piena.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef
VERA KOPJA
Franklin Calleja
Deputat Registratur